## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 308/2023 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NUMRU 989/2023 MAĦRUĠA AI TERMINI TAL-ART. 166A TAL-KAP. 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA: **IMPERO UG (HBV 29907) V. CASHPOINT (MALTA) LIMITED (C36107)**

(IL-KOMPETENZA TAL-QORTI TAL-MAĠISTRATI SABIEX TIDDEĊIEDI DWAR RIKORS IPPREŻENTAT AI TERMINI TAL-ART. 166A(5) TAL-KAP. 12 META L-AMMONT IN KWISTJONI IKUN JESORBITA L-KOMPETENZA TAL-ISTESS QORTI)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**15 ta' April 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' CashPoint (Malta) Limited (imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2023[1] li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. **'Illi qabel xejn, minkejja li mhux notifikata, is-soċjetà esponenti tiddikjara illi l-mandat ta` qbid bin-numru 1394/23 fl-ismijiet hawn fuq premessi, kopja ta` liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata "Dok. CP1", in eżekuzzjoni ta` l-ittra uffiċjali taħt l-Artikolu 166A bin-numru 989/2023 datata nhar it-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin, b' kopja tagħha wkoll qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok. CP2", ġie a konoxxjenza tagħha riċentement u għaldaqstant, tiddikjara illi tagħti ruħa b'notifikat;**

[1] Fol 1-16

2. **Illi m'huwiex kontestat illi permezz tal-ittra ufficjali msemmija fil-paragrafu preċedenti Impero UG talbet is-somma komplessiva ta' ħmistax il-elf, seba' u ħamsin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€15,057.20) minghand ir-rikorrenti CashPoint (Malta) Limited, liema ittra uffiċjali, bi żvista, ma gietx kontestata *ai termini* tal-Artikolu 166A (4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex b'hekk laħqu għaddew it-tletin jum minn notifika lir-rikorrenti. Madanakollu, ir-rikorrenti tiġbed għall-attenzjoni ta' dina l-qorti illi riċentement ġiet sottomessa risposta permezz ta' nota permezz ta' liema opponiet il-preteensjonijiet ta' Impero UG bħala mhux dovuti u infondati fil-fatt u fid-dritt. Għal kull buon fini qiegħda tiġi hawn annesa kopja ta' dina n-nota u mmarkata bħala "Dok. CP3";**

3. **Illi għalkemm, *prima facie*, jidher illi Impero UG għandha titolu eżekuttiv, dan mhuwiex il-każ kif sejjer jigi spjegat iktar l-isfel f'dan ir-rikors;**

4. **Illi l-Artikolu 166A (2) tal-Kap.12 jghid illi: *"Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra ufficjali, illi għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Ġustizzja … … li għandha tigi notifikata lid-debitur fejn għandu jiġi dikjarat b'mod car, taħt piena ta' nullita, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba"* ;**

5. **Illi minn qari tal-ittra uffiċjali huwa bil-wisq evidenti illi din m'hijiex konformi mal-liġi;**

6. **Illi fl-ittra tagħha, is-soċjeta' Impero UG sostniet illi "*l-ammonti hawn fuq riprodotti flimkien mat-total dovut kumplessiv huma maħduma skond l-iskema ta' rumenerazzjoni ivi kontentuta fil-kuntratt supremess u kemm il-darba s-soċjeta interpellata diversi drabi saħansittra bil-fomm sabiex taddivjeni għal ħlas dovut din dejjem baqgħet inadempjenti u għalhekk kella tiġi addottata din il-proċedura ut-talba għandha tintlaqa' ... Għaldaqstant inti qed tiġi mgħarraf li jekk tonqos milli tħallas dan l-ammont immedjatament sejrin jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tiegħek";***

7. **Illi fl-ittra *de quo* m'hemm ebda spjegazzjoni kif is-soċjeta Impero UG waslet għal komputazzjoni ta' din is-somma, taħt liema kategorija ta' *commission* qiegħda tibbaża l-kalkoli u/jew x'kunsiderazzjonijiet ittieħdu biex waslu għall-ħlas minnhom pretiż. Huwa evidenti li persuna illi tigi notifikata b'ittra bhal din m'ghandhiex mezz kif tkun taf in-natura tat-talba. Fi kliem iehor, m'hemmx raguni li fuqha giet imsejsa t-talba;**

8. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, wiehed lanqas isib dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba;**

9. **Illi l-ittra uffiċjali hija nieqsa wkoll minn dikjarazzjoni magħkmula minn rappreżentant tal-istess soċjeta permezz ta' liema kellu jiġi ddikjarat illi tali rappreżentant jaf il-fatti tal-każ personalment u per konsegwenza ta' dan, il-ġurament mogħti minn tali rappreżentant fuq dina l-ittra huwa frivolu;**

**10. Illi gialadarba l-ittra uffiċjali, illi a bażi tagħha nħareġ il-mandat eżekkutiv, huwa nieqes minn l-elementi tassattivi illi titlob il-ligi, fl-umli fehma tar-rikorrenti, l-ittra uffiċjali bin-numru 989/2023 ppreżentata fit-tnejn(2) ta' Marzu tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023) u konsegwentement il-mandat ta' qbid hawn fuq imsemmi għandhom jiġu meqjusa bħala nulli u bla effett fil-liġi**

**Għaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta:**

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi li l-ittra uffiċjali eżekuttiva 989/2023 fl-ismijiet Impero UG vs CashPoint (Malta) Limited għandha tiġi rexissa u ddikjarata nulla u bla effett fil-liġi, u konsegwentament it-titolu esekuttiv vantat minn Impero UG huwa għalhekk null u bla effet fil-liġi.**

2. **Konsegwentament tiddikjara u tiddeċiedi li l-mandat ta` qbid Numru 1394/23 fl-ismijiet Impero UG vs CashPoint (Malta) Limited huwa null u bla effett**

**Bl-ispejjeż kontra Impero UG'**

wara li rat ir-risposta ta' Impero UG (imsejjħa "il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") ippreżentata bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti fil-11 ta' Marzu 2024[2] li permezz tagħha fost oħrajn eċċepiet is-segwenti:

1. **'Illi, din hija risposta għar-rikors tas-soċjeta intimata fejn qegħda titlob in-nullita tal-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A, Kap. 12, liema ittra datata it-02.03.2023, iġġib in-numru 989/2023;**

2. **Illi, l-ewwel u qabel kollox is-soċjeta qua intimata qegħda tirrileva n-nullita tar-rikors tas-soċjeta rikorrenti stante illi dina l-Onorabbli Qorti <u>ma hijiex kompetenti sabiex tagħmel determinazzjoni dwar in-nullita o meno ta' din l-ittra</u> *ratione valoris*;**

3. **Illi, l-ittra uffiċjali premessa ġiet ippreżentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili stante illi l-valur mitlub fl-ittra kienet teżorbita il-kompetenza tal-qrati inferjuri u għaldaqstant kwalsijasi talba jew kontestazzjoni riedet issir quddiem dik il-qorti ...'**

wara li rat li fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2024 il-Qorti ħalliet ir-rikors għat-trattazzjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari ta' nullita mressqa mill-intimata, għall-25 ta' Marzu 2024[3],

---

[2] Fol 50-54
[3] Fol 24

wara li fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2024 semgħet it-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni preliminari, magħmula għan-nom

- tal-kumpanija intimata, mill-Avukat Dr. Etienne A. Calleja, u
- tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukat Dr. Francesca Micallef.

wara li rat l-atti proċesswali l-oħra,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Permezz tal-ittra uffiċjali ppreżentata fit-2 ta' Marzu 2023[4] ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12, l-intimata interpellat lir-rikorrenti sabiex tħallasha s-somma ta' € 15,057.20 allegatament rappreżentanti *commissions* dovuti lilha. L-ittra ġiet intavolata **<u>quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili</u>**. Mir-riferta[5] mad-daqqa t'għajn jirriżulta illi r-rikorrenti ġiet notifikata bl-ittra fit-13 ta' Marzu 2023. Din *ex-admissis* ma weġbitx fiż-żmien stipulat, iżda wieġbet fit-30 ta' Ġunju 2023[6] u għalhekk l-ittra ġiet reġistrata bħala titolu eżekuttiv ai termini tal-Art. 166B tal-Kap. 12.

2. Ir-rikorrenti intavolat din l-azzjoni **<u>quddiem din il-Qorti</u>** ai termini tal-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 sabiex il-Qorti tirrevoka, tħassar u tiddikjara nulla l-ittra uffiċjali in kwistjoni flimkien mat-titolu eżekuttiv u l-mandat eżekuttiv ottjenuti abbażi tagħha, għar-raġuni li skond hi l-ittra hija nieqsa mill-element tassattivi rikjesti skond il-liġi.

3. Fir-risposta tagħha l-intimat eċċepiet b'mod preliminari illi r-rikors huwa null għaliex il-Qorti m'għandiex il-ġurisdizzjoni *ratione valoris* li tieħu konjizzjoni tiegħu iżda *semmai* r-rikors kellu jiġi intavolat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

4. Dan id-digriet ma jitrattax il-mertu tar-rikors promotur iżda jittratta biss din l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimata.

5. Qabel xejn il-Qorti tissottolinea illi minkejja li l-intimata eċċepiet in-**<u>nullità</u>** tar-rikors promotur stante in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, fil-verità jekk il-Qorti ssib li l-intimata għandha raġun dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha, l-eżitu ma jkunx il-pronunzjament ta' nullità tar-rikors u lanqas ma jkun il-waqfien ta'

[4] wara Fol 13
[5] Fol 14
[6] Fol 16

dawn il-proċeduri peress illi permezz tal-emendi li daħlu bis-saħħa tal-Att IV tal-2016 u l-Att XXXII tal-2018, l-Art. 741(b) jipprovdi illi meta l-Qorti tilqa' eċċezzjoni li l-kawża miġjuba quddiemha kellha tinġieb quddiem qorti diversa:

> **'741 (b) ... il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:**
>
> **Iżda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu ġew trasferiti l-atti tal-proċeduri jikkunsidraw li ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom, fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċevew l-atti tal-proċeduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha, fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeċiedi liema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża'.**

6. Ai termini tal-Art. 730 tal-Kap. 12:

> **'730. L-eċċezzjoni ta' <u>inkompetenza</u> jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew <u>nullità</u> ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.'**

7. Għalkemm kif ingħad strettament l-intimata ma qajjmitx l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti iżda qajjmet l-eċċezzjoni ta' nullità abbażi tan-nuqqas ta' kompetenza, huwa ovvju illi fi kwalunkwe każ id-determinazzjoni ta' din l-eċċezzjoni timxi qabel l-oħrajn kollha, għaliex jekk tintlaqa', ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-Qorti tkompli tqis it-talbiet tar-rikorrenti.

8. L-Art. 166A(1) tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

> **'166A. (1) F'azzjonijiet għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista' jipproċedi skont dawn is-subartikoli ta' dan l-artikolu li ġejjin ...'**

9. L-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 li fuqu hija msejsa l-azzjoni tar-rikorrenti, taqra kif ġej:

**'166A (5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-<u>Qorti tal-Maġistrati (Malta)</u> jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:**

**(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew**

**(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):**

**B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.'**

10. Il-ġurisdizzjoni *ratione valoris* tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija delineata kif imiss fl-Art. 47(1) tal-Kap. 12:

    **'47. (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċiedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.'**

11. Dawk li jeċċedu l-valur ta' € 15,000 jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mentri dawk li ma jaqbżux il-valur ta' € 5,000 jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

12. Imma l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) m'għandix biss il-ġurisdizzjoni li tisma' kawżi li jkollhom valur ta' bejn l-€ 5,001 u l-€ 15,000, daqs kemm il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili m'għandix biss il-ġurisdizzjoni li tisma' kawżi li l-valur tagħhom jeċċedu l-€ 15,000. Tant hu hekk illi l-Art. 47(3) jipprovdi illi ċertu kawżi jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili indipendentement mill-valur fejn fosthom insibu kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, kawżi ta' żgumbrament, etc. Hekk ukoll imbagħad l-Art. 47(2) jipprovdi illi

    **'47 (2) Dik il-qorti (i.e. Il-Qorti tal-Maġistrati) tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha'**

13. B'mod ċar għalhekk ġaladarba l-Art. 166A(5) innifsu jippreskrivi illi azzjoni għat-tħassir ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt dak l-artikolu tal-liġi għandha tinfetaħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ftit jista' jkun hemm dubbju illi hija din il-Qorti u din il-Qorti biss li għandha l-ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi dwar tali talbiet.

14. Huwa minnu illi kif qalet sew din il-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza ċitata mir-rikorrent fin-nota ta' riferenzi tiegħu u ċioe: **Carmelo sive Charles Bianco noe v. Boris Formosa** (Rik 84/18 FDP, 11/06/2018):

> *"dina l-Qorti ma tistax ma tosservax illi hemm anomalija fil-Ligi, u dana peress illi l-Artikolu 166A (1) tal-Kap 12 jipprovdi illi l-azzjoni odjerna[7] tapplika ghal "meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeccedi hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000)", filwaqt illi, sussegwentement, l-Artikolu 166A (5) jipprovdi illi biex tintalab rexissjoni ta' titolu ezekuttiv ottjenut taht dana l-artikolu dana ghandu jsir "permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)" Il-Qorti tosserva illi, a tenur tal-Artikolu 47 (1) tal-Kap 12, il-Qorti tal-Magistrati, imsejha 'Il-Qrati Inferjurii' ghandhom kompetenza sabiex "tisma u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' hmitsax-il elf euro (€15,000)" Madanakollu, tenut kont tal-fatt illi l-Legislatur ghadda biex jistipula carament illi l-Qorti tal-Magistrati hija l-Qorti kompetenti, ghaldaqstant, hija dina l-Qorti li hija kompetenti sabiex tisma dawna t-talbiet."*

15. Din l-anomalija fil-liġi seħħet meta ġie fis-seħħ l-Avviż Legali 407 tal-2007 fl-1 ta' Jannar 2008 (bid-dħul tal-munita tal-*euro*) u kompliet tiġi perpetwata meta daħal fis-seħħ l-Att Nru IV tal-2016 fid-19 ta' Jannar 2016. F'dan ir-rigward tajjeb li jiġi elenkat fil-qosor l-istorja tal-Art. 166A u r-relazzjoni tiegħu mal-Art. 47(1) matul is-snin:

- Att Nru IX tal-2004 (dħul fis-seħħ 6 ta' Awwissu 2004):

    1. Ġie introdott fil-liġi l-Art. 166A li permezz tiegħu kreditur seta' jippreżenta ittra uffiċjali għal ammont li ma jeċċedix l-Lm 5,000 (ossia' € 11,646.86).

---

[7] Jidher li hawn bil-kliem "azzjoni odjerna" il-Qorti kienet qed tirreferi mhux għall-azzjoni tat-tħassir tal-ittra uffiċjali imma għall-pretensjonijiet dedotti fl-ittra uffiċjali nnifisha.

2. Sadanittant l-Art. 47(1) kien diġa jipprovdi illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għandha kompetenza tisma l-kawżi kollha sal-ammont ta' Lm 5,000 (ossia' € 11,646.86).

3. Ġiet introdotta ukoll il-possibilita' taħt l-Art. 166A(5) li persuna li tqis illi l-ittra uffiċjali ma ġietx notifikata lilu kif imiss jew li din ma kienetx tissodisfa r-rekwiżiti taħt l-Art. 166A tagħmel rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'talba għat-tħassir tal-ittra.

4. Peress illi l-ittra taħt il-166A ma setgħetx tinħareġ għal ammont li teżorbita l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ma kien hemm l-ebda possibilita' dak iż-żmien illi jiġri dak li effettivament huwa s-suġġett tal-kawża in eżami (i.e. li persuna tkun sfurzata tintavola rikors għal tħassir tal-ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati minkejja li l-pretensjonijiet fl-ittra jkunu jeżorbitaw l-ġurisdizzjoni *ratione valoris* tagħha).

- Att Nru VII tal-2007 (dħul fis-seħħ 26 ta' Ġunju 2007):

1. L-Art. 166A ġie emendat b'dan li kreditur seta' jippreżenta ittra uffiċjali għal ammont li ma jeċċedix l-Lm 10,000 (ossia' € 23,293.73).

2. L-Art. 47(1) ġie emendat ukoll sabiex il-ġurisdizzjoni *ratione valoris* tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tiġi estiża sa' Lm 10,000 (ossia' € 23,293.73) .

3. Anke f'dak l-istadju, peress illi l-*capping* taħt l-Art. 166A(1) u l-kompetenza *ratione valoris* tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) baqgħu marbuta ma' xulxin, ma kien hemm l-ebda possibilita' dak iż-żmien illi jiġri dak li effettivament huwa s-suġġett tal-kawża in eżami.

- Avviż Legali 407 tal-2007 (dħul fis-seħħ 1 ta' Jannar 2008):

1. Bid-dħul ta' Malta fiż-żona tal-munita *euro,* dan l-avviż legali emenda ħafna mill-liġijiet billi qaleb l-ammonti mill-Lira Maltija

għal Euro. B'hekk ad eżempju l-ammont ta' Lm 10,000 taħt l-Art. 166A ġie emendat biex jaqra € 23,293.73.

2. Inħolqot anomalija però peress illi l-ġurisdizzjoni *ratione valoris* tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) taħt l-Art. 47(1), li ftit xhur qabel kienet ġiet estiża għal Lm 10,000 (€ 23,293.73) reġgħet tniżżlet (b'daqqa ta' pinna żbaljata[8]) għal € 11,646.87 ossia Lm 5,000. Dan kien xejn ħlief *lapsus calami* għaliex fl-Avviż Legali b'mod żbaljat hemm indikat li l-emenda kienet qed issir tal-kliem "*sa' l-ammont ta' ħamest elef lira*" għal "*sa l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 11,646.87)"* meta dak iż-żmien il-kliem tal-Art. 47(1) kienu "*sa' l-ammont ta' għaxart elef lira*" u għalhekk l-emenda kellha taqra "*sa l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€ 23,293.73)"* !!!

3. Dan wassal għall-konsegwenza illi ittra uffiċjali taħt l-Art 166A issa setgħet tinħareġ għal ammont li jeċċedi l-kompetenza *ratione valoris* tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta). L-Art. 166A(5) baqa' kif kien, b'konsegwenza għalhekk ukoll illi mentri ittra maħruġa taħt l-Art. 166A setgħet teċċedi l-kompetenza ta' din il-qorti (u allura tiġi ppreżentata quddiem il-Prim' Awla), ir-rikors għat-tħassir tagħha kellu jibqa' jiġi ppreżentat quddiem din il-Qorti f'kull ċirkustanza.

- Att numru IV tal-2016 (dħul fis-seħħ 19 ta' Jannar 2016):

1. Din l-anomalija baqgħet tiġi perpetwata peress illi filwaqt li daħlet emenda fl-Art. 166A(1) b'dan li ittra uffiċjali setgħet tibda tiġi ppreżentata għal ammont ittra uffiċjali li ma jeċċedix € 25,000 u daħlet ukoll emenda fl-Art. 47(1), fejn il-kompetenza *ratione*

---

[8] Dan għaliex fl-Avviż Legali b'mod żbaljat hemm indikat li l-emenda kienet qed issir tal-kliem "sa' l-ammont ta' ħamest elef lira" għal "sa l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 11,646.87) meta dak iż-żmien il-kliem tal-Art. 47(1) kienu "sa' l-ammont ta' għaxart elef lira" u għalhekk l-emenda kellha taqra "sa l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€ 23,293.73) !!!

*valoris* ta' din il-Qorti ġiet estiża għal ammonti li ma jeċċedux l-€ 15,000, madanakollu l-Art. 166A(5) baqgħet kif kienet.

16. Il-Qorti ħadet nota ukoll tas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċitata mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu: **<u>Farsons Beverage Imports Company Limited v. Gilbert Mizzi et.</u>** (PA, Rik. 228/2021 FDP, 25/01/2022). F'din is-sentenza, fejn il-Qorti inzertat li kienet presjeduta mill-istess ġudikant li kien ta s-sentenza fuq imsemmija ta' Carmelo sive Charles Bianco noe v. Boris Formosa meta kien għadu fil-bank tal-Maġistratura, ingħad hekk:

> *"28. Is-soċjeta' intimata, fir-risposta tagħha, qajjmet bħala eċċezzjoni preliminari, d-difiża illi dina l-Qorti ma hijiex kompetenti peress illi l-azzjoni odjerna kellha tiġi ppreżentata quddiem l-Qorti tal-Maġistrati, skond l-Artikolu 166 (5) tal-Kap 12.*
>
> *29. Illi l-Qorti tifhem illi s-soċjeta' intimata qiegħda taqra verbatim dak illi huwa miktub fil-leġislazzjoni fuq imsemmija, liema leġislazzjoni kienet redatta meta oriġinalment l-Ittri Uffiċjali kellhom valur massimu ta' €15,000, li għalhekk kienu ta' kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Maġistrati, liema leġislazzjoni iżda qatt ma ġie emendat sabiex jipprovdi għall-kompetenzi differenti meta l-leġislatur għażel illi jgħolli l-valur tal-Ittri Uffiċjali 166A mis-somma ta' Lm5,000 għall-ammont ta' Lm10,000 permezz ta' Att VII tal-2007.*
>
> *30. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi kienet s-soċjeta' intimata STESS illi ppreżentat l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, peress illi huwa ovvju u ċar illi kwalasiasi pretenzjoni li teċċedi l-valur ta' €15,000 għandu kompetenza esklussiva f'idejn il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.*
>
> *31. Għalhekk, la darba l-ordni inħarġet mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ċertament ma tista' tkun qatt il-Qorti tal-Maġistrati illi tirrevoka tali ordni! Għalhekk, eċċezzjonijiet ta' dina n-natura għandhom jiġu evitati."*

B'kull rispett però l-Qorti ma tistax taqbel ma dak iddikjarat mill-Onorabbli Prim' Awla f'tali sentenza. Apparti illi l-isfond storiku ta' kemm kien oriġinalment il-valur massimu tal-ittra uffiċjali tal-Art. 166A, kif rappurtat mill-Qorti, huwa impreċiż[9], iktar importanti minn hekk din il-Qorti ma tarax kif dik il-Qorti setgħet tislet xi osservazzjoni konklussiva mill-fatt illi l-kumpanija intimata f'dik il-kawża (ossia' dik

[9] Fis-sens illi m'huwiex il-każ illi: *"oriġinalment l-Ittri Uffiċjali kellhom valur massimu ta' €15,000"* – kif intwera iktar 'l fuq oriġinalment l-ittra uffiċjali taħt l-Art 166A kellha valur massimu ta' € 11,646.86 jew Lm 5,000.

li eċċepiet illi l-Prim' Awla ma kienetx kompetenti *ratione valoris* tisma' l-kawża) intavolat l-ittra nnifisha quddiem il-Prim' Awla. Dan qed jingħad għaliex dik il-kumpanija kienet obbligata tagħmel hekk skond l-Art. 166A(1) u dan ma jbiddel xejn mill-fatt illi r-rikorrent li fetaħ l-azzjoni taħt l-Art. 166(5) sabiex jitlob it-tħassir tal-istess ittra, kellu jagħmel dan ta' bilfors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, **għax il-liġi hekk titlob.**

Lanqas ma taqbel din il-Qorti illi Qorti tal-Maġistrati ma tista' qatt tirrevoka ordni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Għalkemm m'hijiex xi ħaġa desiderabbli li jiġri dan (għal raġunijiet li għandhom ikunu ovvji) il-liġi ma tipprekludix din il-possibilità.

17. Il-Qorti tagħmel riferenza ukoll għal sentenza oħra mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Kearney Attard v. Jamie Pace** (Rik. 553/21 GG, 26/09/2023) fejn il-Qorti qalet illi:

> "Ghalkemm f'dan is-subinciz m'hemmx riferenza ghal din il-Qorti, bla dubju dan huwa lapsus calami ghaliex il-kompetenza ratione valoris tal-qrati inferjuri ma tasalx sal-limitu tal-valur li ghalih hija applikabbli din il-procedura speċjali"

18. Din il-Qorti bir-rispett lejn il-fehma diversa u daqstant ieħor valida tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tħoss però illi anke jekk dan huwa *lapsus* tal-leġislatur, m'għandiex tkun il-Qorti, kwalunkwe Qorti, illi timla dan il-*lapsus* leġislattiv billi tmur espressament kontra dak dispost mill-liġi.

19. Huwa minnu illi kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Emmanuele Micallef v. Vincent Scerri** (15/05/1953, Kollez. Vol. XXXVII P I p 176):

> "billi hija regola ta' interpretazzjoni li ebda liġi ma għandha titqies kontradittorja fiha nnifsiha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-ġudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur u b'quddiem għajnejh ir-raġunijiet li ġiegħlu lil-leġiżlatur jiddetta l-liġi. Il-ġudikant għalhekk għandu jirrikorri għall-*mens legis* biex jagħti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi għall-ispirtu informatur tal-liġi".

20. Hekk ukoll il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet mogħti fl-ismijiet **George Edward Spiteri v. Marsaxlokk Football Club et.** (PA, Rik 95/2016 LM, 15/07/2016) qalet illi:

> "… ntqal ukoll mill-Qrati tagħna li "huwa anki dover preċiż tal-ġudikant illi, minħabba dawk iċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, jara x'inhi l-probabbli intenzjoni tal-leġiżlatur f'dawn il-każijiet, u japplika dispożizzjoni u jinterpretaha b'mod li jista' jirrikoċiljaha mal-liġijiet l-oħra, biex l-applikazzjoni tagħha ma tiġix inġusta … **Emmanuele Bonello vs. Edward Percy Larchin** 15.12.1945 Kollez. XXXII.i.309"

21. Madanakollu l-Qorti tħoss illi jkun il-kompitu tagħha illi tinterpreta l-liġi skond l-intenzjoni tal-leġislatur biss meta l-liġi tkun silenzjuża, ikollha *lacuna* jew inkella tkun kontradittorja minnha nfusha. Fil-każ *de quo*, il-leġislatur – possibilment minħabba negliġenza fl-abbozzar tal-liġi li baqgħet ma ġietx indirizzata minkejja d-dħul ta' emendi sussegwenti – iddetta illi rikors għal revoka tal-ittra uffiċjali ppreżentata taħt l-Art. 166A għandu jidħol "**fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ".** Hawnhekk il-liġi la hi silenzjuża, la għandha *lacuna* u lanqas m'hija kontradittorja minnha nfusha. Hija l-fehma umli tal-Qorti għalhekk illi sakemm il-leġislatur jidhirlu li għandu jindirizza din l-anomalija, m'għandix tkun il-Qorti illi twettaq dan ix-xogħol hi billi tmur espressament kontra d-diċitura tal-liġi. *Lapsus* m'għandux jiġi korrett b'*lapsus* ieħor.

22. Bis-saħħa tal-prinċipju legali *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit* anke jekk jirriżulta illi l-leġislatur ħoloq anomalija permezz ta' liġi li daħħal fl-2007, il-fatt illi din l-anomalija baqgħet qatt ma ġiet indirizzata tul dawn is-snin kollha nonostante l-fatt illi matul is-snin saru emendi oħra fl-istess artikolu tal-liġi (mingħajr ma però ġiet indirizzata l-anomalija), juri li jew il-leġislatur injora din l-anomalija jew inkella li l-leġislatur ried li tkun din il-Qorti u din il-Qorti biss li jkollha l-kompetenza li tisma' kawżi ta' din ix-xorta. Dan irid jiġi kkunsidrat ukoll fl-isfond ta' dak li jingħad fl-Art. 47(2) tal-Kap. 12 u ċioe illi din il-Qorti apparti l-kawżi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha *ratione valoris "għandha tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha*".

23. Fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat difensur tal-intimata qajjem ukoll il-kwistjoni illi anke jekk din il-Qorti issib illi għandha kompetenza li tisma t-talba għar-revoka tat-titolu eżekuttiv in kwistjoni minħabba dak li jipprovdi l-Art. 166A(5), madanakollu hija m'għandix il-kompetenza li tisma t-talba għar-revoka tal-ittra uffiċjali li abbażi tagħha ottjeniet it-titolu eżekuttiv.

24. Il-Qorti tara ukoll illi waħda mid-difiżi fil-mertu hija dik illi l-Art. 166A(5) ma jagħtix poter lill-Qorti (kwalunkwe Qorti) illi tirrevoka jew tħassar ittra uffiċjali iżda għandha poter biss illi tirrevoka jew tħassar it-titolu eżekuttiv akkwistat abbażi ta'

dik l-ittra uffiċjali. F'dan l-istadju l-Qorti tqis illi biex tiddeċiedi jekk għandix il-kompetenza li tieħu konjizzjoni ta' talba bħal din, ikollha ta' bilfors xi ftit jew wisq tinoltra ruħha fil-mertu ta' din id-difiża.

25. Għalkemm huwa ċar illi l-Art. 166A (5) jipprovdi dwar il-proċedura ta' rexissjoni ta' **titolu eżekuttiv**, huwa daqstant ieħor ċar illi l-kriterji sostantivi u proċedurali li jipprovdi għalihom l-Art. 166A jirreferu għall-ittra uffiċjali nnifisha "*taħt piena ta' nullità"* u mhux għat-titolu eżekuttiv li jiġi akkwistat bis-saħħa tal-Art. 166B. Huwa minnu illi teoretikament l-ittra uffiċjali ppreżentata taħt l-Art. 166A tista' tgħix waħedha u mingħajr il-karatteristiċi ta' titolu eżekuttiv kemm il-darba ma tiġix reġistrata bħala tali taħt l-Art. 166B. Madanakollu huwa ovvju illi ittra uffiċjali ppreżentata taħt dan l-artikolu tal-liġi hija intiża biss sabiex tiġi reġistrata bħala titolu eżekuttiv u għall-ebda skop ieħor ħlief possibbilment sabiex tikser il-preskrizzjoni li tkun għaddejja kontra l-jedd vantat mill-kreditur[10]. Għalhekk f'ċirkustanzi fejn Qorti tirrevoka titolu eżekuttiv konsistenti f'ittra uffiċjali maħruġa taħt dan l-artikolu, l-ittra uffiċjali nfusha ukoll tkun qegħda tiġi mħassra.

**Deċiżjoni**

26. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni mressqa mill-intimata dwar in-nullita tar-rikors promotur apparti li tqis ukoll illi hija kompetenti *ratione materiae* sabiex tisma t-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-ispejjeż huma riservati għall-ġudizzju finali.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur

[10] F'dan ir-rigward però l-Art. 2129 tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-preskrizzjoni tinkiser allavolja l-att ġudizzjarju ikun null minħabba difett ta' forma, jew minħabba li jkun ġie ppreżentat quddiem qorti li mhix il-qorti kompetenti.